battuti fid-djalogu tal-protagonista Gorġ ma' sieħbu, u saħansitra m'ommu! Iżda, osservazzjonijiet bħal dawn mhux dejjem għandhom l-valur tekniku tagħhom f'suġġetti li l-motiv dominanti tagħhom hu ibbażat fuq argumenti filosofiċi li għandhom x'jaqsmu mal-karattru tal-persunaġġ li jitkellem.

Il-preġju speċjali li nsibu fix-xogħlijiet ta' l-awtur hija fl-interpretazzjoni ġdida tal-ħajja soċjali tal-lum f'kull stat jew grad tagħha, miftuma minn motivi konvenzjonali, u f'xi atti uniċi r-rifless ta' sentimenti psikiċi u dehriet simboliċi fil-ħolm ta' l-imgħoddi li jiġġustfika s-sitwazzjonijiet tal-ħajja attwali kif naraw f'*Żewġ Miżżewġin* u f'*Adam u Eva*.

F'*Żewġ Miżżewġin* fejn il-protagonisti jidhru b'maskra tas-simulazzjonijiet ta' ħajja romantika b'inkejja tar-rabta morali taħt is-saqaf ta' ħajja matrimonjali; f'*Adam u Eva* fejn hemm ir-raffigurazzjoni simbolika ta' l-effetti umani ta' l-Ewwel Ħtija tal-Bniedem li għaliha ħtieġ is-Sagrifiċċju ta' Bniedem-Alla mill-ġuf ta' Eva Aħjar għall-fidwa tal-bniedem f'ħajja oħra fil-Eden tas-Smewwiet; fl-*Eżami ta' l-Anatomija*, fejn iktar akkademikament milli teatralment għandna fotografija ta' ruħ artistika li jkollha titħabbeb fi ġlieda qawwija ma' l-esiġenzi xjentifiċi tal-ħajja professjonali, barra minn motivi ta' teknika psikoloġika hemm ukoll l-arti fina ta' argumenti filosofiċi fuq il-Palk tal-Ħajja.

Fi studju kritiku tat-teatru modern hemm min forsi jaħseb li l-argument tal-għira għandu jinsilet mill-istudju ta' argumenti oħra ibbażati fuq ir-realiżmu għall-motiv tiegħu qadim bir-rilievi psikoloġiċi tiegħu, iżda fl-att ta' l-awtur, il-motiv jidher ġdid f'diversi aspetti morali quddiem is-sedja tal-Ħaqq bħala motiv ta' firda konjugali fuq għira għamja li tqarraq il-għajn u mal-għajn ir-rabta ta' bejn żewġt iqlub. Fiha l-awtur, neħħi xi xeni li ma nafx jistgħux jiġru skond il-proċedura ġudizzjarja (ħlief bħala effett ta' epilogu teatrali), l-Awtur tana kwadru ġdid ta' l-effetti tal-għira għamja bil-pennellatura ta' arti speċjali.

Aħna nittamaw li wara dawn is-sitt atti uniċi u ż-żewġ xogħlijiet ta' l-aħħar li għadhom ma ġewx stampati għalkemm dehru fuq il-palk, l-awtur ma jeqafx hawn, iżda jissokta t-triq li issa fiha mexa ġmielu mindu tana l-ewwel frott bikri tal-ġenju drammatiku tiegħu.

a.c.

## KOTBA LI RĊEVEJNA GĦAL-LIBRERIJA

**Ir-Rużarju**—Xandir ta' Kultura Dumnikana. Vol. XV. Jan.-Marzu, 1964. Nru. 4. Editur P. Valentin Barbara, O.P.